**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Abraham Zammit**
**V**

**KEVIN VELLA**
**WAYNE VELLA**

**Illum, 21 ta' Mejju, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KEVIN VELLA** ta' dsatax il-sena bin Eugenio u Maria Francesca nee Pace, imwieled San Giljan nhar t-tletin ta' Mejju, 1980 u joqghod Casa Vella, Triq il-Merhba, Fgura, detentur tal-karta tal-identita numru 351780M u **WAYNE VELLA** ta' tmintax il-sena bin Eugenio u Maria Francesca nee Pace, imwieled Pieta nhar s-sitta ta' Gunju, 1981 u joqghod Casa Vella, Triq il-Merhba, Fgura, detentur tal-karta tal-identita numru 285481M gew mressqa quddiemha akkuzati talli fis-sebgha w ghoxrin ta' Frar, 2000 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija f'Rahal Gdid ikkommettew serq ta' oggetti, mobile phone tal-marka

Nokia mudell 3210 GSM, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bin-natura tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Eugenio Vella.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament hassru, jew gharrqu jew kkagunaw hsara fi hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u v9ioe f'vann tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni FBF 568 li tammonta ghal inqas minn hames mitt lira maltin ghad-detriment ta' Eugenio Vella minn M'Scala.

Talli fl-istess hin u data fil-Fgura u Rahal Gdid kkagunaw offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Eugenio Vella skond ma ccertifika Dsoctor John Grech Hardy MD fic-Centru tas-Sahha tal-Floriana.

Talli kisru l-paci pubblika w il-bon ordni b'ghajjat, storbju, glied jew mod iehor.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens huwa datat disgha ta' Gunju, 2000 u jinsab inserit a fol 17 tal-atti markat bhala dokument AZ.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet l-provi prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil Eugenio Vella jiddikjara li huwa missier l-imputati nhar t-tlieta ta' Ottubru, 2001 u li xtaq jirtira l-kwerela tieghu stante li m'ghandux pretenzjonijiet kontra uliedu l-imputati tant li fis-seduta tat-tlettax ta' Mejju, 2002 huwa sostna li m'ghandhux interess f'dawn il-proceduri u li sahansitra hafer lil uliedu b'mod assolut.

Rat l-artikolu 331 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti u cioe li "hlief f'kazijiet imsemmija fl-artikolu 316, 317 u 318 ma hemmx azzjoni kriminali ghal reati li jsiru kontra hwejjeg tad-dixxendenti jew tal-qraba bi zwieg fil-linja tad-dixxendenti jew tar-ragel jew tal-mara, meta dawn r-reati ma jkunux saru flimkien ma omicidju, offizi fuq il-persuna jeww sekwestru tal-persuna."

Illi kif gie ritenut fis-sentenzi moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju, 1994*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulziija v Salvina Incorvaja** u ***ohra moghtija mill-istess Qorti nhar***

***s-sebgha ta' Jannar, 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Gerogina Gauci**, dan l-artikolu 331 japplika biss ghat-titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel ktieb tal-Kodici Kriminali, jigifieri japplika biss ghad-delitti kontra l-proprjeta u kontra s-sigurta pubblika.  Issa l-akkuzi ta' serq u hsara voluntarja jaqghu taht dan t-titolu tal-Kodici Kriminali.

Illi veru li din l-azzjoni kriminali ghal reati kontra l-hwejjeg ta' dixxendenti hija kwalifika fis-sens li jekk l-offiza tkun akkumpanjata b'offiza fuq il-persuna, l-akkuzi jregu xorta f'dan il-kaz.  Eugenio Vella rrinunzja ghal azzjoni kriminali naxxenti mill-artikolu 221(1)(a) billi huwa ddikjara li ma jridx jixhed fil-konfront ta' uliedu.

Issa jekk din l-azzjoni ta' ferita ta' natura hafifa giet rinunzjata, l-akkuzi ta' serq u hsara voluntarja ma jistghux jissusistu minhabba dak li jiddisponi l-artikolu 331 tal-Kap 9.

Illi dwar r-raba akkuza, din tirrizulta ppruvata mill-istatements rilaxxjati mill-istess imputati nhar d-disgha w ghoxrin ta' April, 2001 dokumenti AZ 3 u AZ 4 esibiti fl-atti a fol 20 et seq, minn fejn jirrizulta

li huma kisru l-paci pubblika wara s-sebgha ta' filghaxija meta kien bil-lejl.

Rat l-artikoli tal-ligi in partikolari 222(1)(a), 325(b), 261(c)(g), 267, 271, 279, 280 u 338(m) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghalhekk il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lil imputati KEVIN VELLA u WAYNE VELLA hatja tal-ewwel tlett akkuzi u tilliberhom minnhom izda ssibhom hatja tar-raba akkuza u cioe il-kontravenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(m) tal-Kap 9 pero minhabba l-eta zghira tal-imputati, il-kwistjoni li l-incident kien wiehed familjari, li l-istess missierhom, l-allegata vittma, hafer lil uliedu minuri u li s-socjeta ma sofrietx danni materjali, tiddecidi billi tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor ghal perjodu ta' tlett xhur mill-lum.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**